**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**
**vs**
**Stephen Buhagiar**

Kumpilazzjoni Numru: 787/18

Illum, 26 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Stephen Buhagiar detentur tal-karta tal-identita` numru 438061M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Lulju 2018 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal-ligi gab ruhu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan l-agir huwa ta' fastidju ghal dik il-persuna u cioe ghal martu Maria Carmela Buhagiar.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi l-imgiba tieghu tammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi u cioe martu Maria Carmela Buhagiar.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tiprovdi ghal garanzija ta' Maria Carmela Buhagiar skond artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe' Maria Carmela Buhagiar, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat (Art. 412C Kap 9 tal-Kodici Kriminali).

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' Art. 383, 412C u 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Stante ammissjoni bikrija qed issib lill-imputat Stephen Buhagiar hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u minflok tinfliggi piena timponi digriet taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena kif ukoll Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordnijiet ghandhom jaghmlu parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**